MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2006

Numru. 291/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**KEVIN MICALLEF bin Joseph u Antonia nee' Fenech, imwieled fis-sbatax [17] ta' Awissu, 1975 u residenti 16, Triq Fidiel Zarb, Gharghur, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 379875(G)**

**Il-Qorti;**
Rat illi l-imputat **KEVIN MICALLEF** bin Joseph u Antonia nee' Fenech, imwieled fis-sbatax [17] ta' Awissu, 1975 u residenti 16, Triq Fidiel Zarb, Gharghur, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 379875(G) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-tmintax [18] ta' Marzu, 2006 ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghodu fi Triq it-

Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex kif ukoll ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu fl-Ghassa tal-Pulizija post pubbliku:-

1. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

2. talli hebb kontra il-persuna ta' Jacqueline Micallef mir-Rabat, Ghawdex, sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmlilha hsara.

3. talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Jacqueline Micallef mir-Rabat, Ghawdex f'periklu car, hebb ghaliha u kkagunalha feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika it-Tabib Teddy George Farrugia M.D. mic-Centru tas-Sahha, r-Rabat, Ghawdex.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-artikoli 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-ghaxra ta' Awissu 2006, li ma kienx ser jimmolesta lil martu jacqueline Micallef.

Semghet lil Jacqueline Micallef tiddikjara fl-istess seduta li in vista ta' tali dikjarazzjoni hi kienet qed tirrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat zewgha.

Konsegwentement, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjnoni ulterjuri ta' din il-kawza u tiddikjara proceddiment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------